

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 6.11.2008
KUMM(2008) 700 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju għall-Konvenzjoni fir-rigward tas-Sistema ta' Navigazzjoni fid-Danubju tat-18 ta' Awwissu 1948 (Il-Konvenzjoni ta' Belgrad)

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-Proposta mehmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill għall-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju għall-Konvenzjoni ta' Belgrad tikkostitwixxi l-istrument legali għall-iffirmar, min-naħa tal-Komunità, tal-Protokoll Emendatorju għall-Konvenzjoni fir-rigward tas-Sistema ta' Navigazzjoni fid-Danubju tat-18 ta' Awwissu 1948 (Il-Konvenzjoni ta' Belgrad).
2. Fis-6 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Kummissjoni tad-Danubju. L-adeżjoni għandha sseħħ permezz tal-konklużjoni ta' Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni ta' Belgrad, fil-kuntest tal-proċess ta' reviżjoni tagħha li ilu li nbeda għadd ta' snin.

In-negozjati tal-Kumitat Preparatorju għar-Reviżjoni tal-Konvenzjoni ta' Belgrad saru b'konsultazzjoni mill-qrib mal-kumitat speċjali stabbilit skont l-Artikolu 300 (1) tat-Trattat tal-KE, u b'mod speċjali, mal-Istati Membri tal-UE li huma partijiet kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Belgrad.

Fis-6 ta' Ġunju 2008, il-Kumitat Preparatorju approva test finali għal Protokoll Emendatorju li jinkludi l-abbozz rivedut tal-Konvenzjoni ta' Belgrad. Wara li jsirlu xi tibdil tekniku, it-test finali għandu jkun disponibbli f'Settembru/Ottubru 2008, biex ikun lest għall-iffirmar waqt konferenza diplomatika li għandha ssir ġewwa Belgrad fl-20 u l-21 ta' Novembru 2008. Din il-proposta ma tippreġudikax it-test finali tal-Protokoll Emendatorju, inkluż ir-reviżjoni tal-Konvenzjoni ta' Belgrad.

3. L-għan ewlieni tar-reviżjoni tal-Konvenzjoni ta' Belgrad hu li jimmodernizza l-Kummissjoni tad-Danubju billi jsaħħaħ l-kapaċitajiet regolatorji u operazzjonali tagħha, bl-għan aħħari li jippromwovi t-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni fuq id-Danubju, li l-potenzjal tiegħu għadu mhux qed jintuża biżżejjed. Barra minn hekk, is-sħubija tal-Komunità Ewropea fil-Kummissjoni tad-Danubju għandha tiffaċilita l-adozzjoni ta' regoli armonizzati fir-rigward tat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni fuq id-Danubju.
4. Il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill biex jibda l-proċedura għall-iffirmar ta' dan il-Protokoll Emendatorju abbażi tal-proposta mehmuża.
5. Il-proċedura għall-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju hi dik tal-ewwel inċiż tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 300 (2) tat-Trattat tal-KE li jipprovdi għal Deċiżjoni tal-Kunsill separata fir-rigward tal-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju fisem il-Komunità Ewropea.
6. F'azzjoni oħra li għandha tittieħed hekk kif jiġi ffirmat il-Protokoll Emendatorju, il-Kummissjoni għandha tipproponi lill-Kunsill biex jikkonkludi l-Protokoll Emendatorju wara li l-Parlament Ewropew ikun approvah, b'konformità mat-tieni subparagrafu, ir-raba' alternattiva tal-Artikolu 300 (3) tat-Trattat tal-KE. Ir-ratifikkazzjoni min-naħa tal-partijiet kontraenti kollha hi prerekwiżit għad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Belgrad kif riveduta.

7. B'konsistenza ma' dan, il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill li jiddeċiedi li jinnomina l-Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sur Antonio Tajani, biex jiffirma l-Protokoll Emendatorju f'isem il-Komunità Ewropea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju għall-Konvenzjoni fir-rigward tas-Sistema ta' Navigazzjoni fid-Danubju tat-18 ta' Awwissu 1948 (Il-Konvenzjoni ta' Belgrad)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 flimkien mal-Artikolu 300(2), l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni¹,

Billi:

- (1) In-negozjati mal-partijiet kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Belgrad dwar ir-reviżjoni tagħha, inkluż l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Kummissjoni tad-Danubju, intemmu fil-[...].

Suġġett għal konklużjoni possibbli f'data aktar tard, il-Protokoll Emendatorju għandu għalhekk jiġi ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Suġġett għal konklużjoni possibbli f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuni mogħnija bis-setgħa li jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Protokoll Emendatorju għall-Konvenzjoni fir-rigward tas-Sistema ta' Navigazzjoni fid-Danubju tat-18 ta' Awwissu 1948 (Il-Konvenzjoni ta' Belgrad).

Magħmul fi Brussel,

*Għall-Kunsill
Il-President*

¹ ĠU C , , p . .